# Beati u Qaddisin....Novembru

## SAN ALBERTU L-KBIR

## 15 TA' NOVEMBRU



Vicente Salvador Gómez, Apparizione della Vergine a S. Alberto Magno, 1660, Valencia

Albertu twieled fil-familja nobbli Bollstadt.  Missieru kien ufficjal fl-armata ta' l-Imperatur Frederiku II. Kien ghadu zaghzugh meta libes il-libsa dumnikana, moghtija lilu mill-Beatu Giordano di Sassonia, is-successur ta' San Duminku.

Kien ghoddu ser jaqta' qalbu mill-istudji u jhalli l-vokazzjoni ta' patri warajh, imma bil-ghajnuna ta' Marija Sssma, li taghha kien devot, rebah kull tifxkil  u bizghat li hakmuh.

Albertu kien bniedem gharef tassew f'kull qasam tal-kultura tant li sthoqqlu jkun maghruf bhala Duttur Universali u ndirizzat bit-titolu ta' Kbir waqt hajtu.

Ghallem gewwa Parigi u skejjel ohra dumnikani fil-Germanja.  Fost l-istudenti tieghu kellu lil San Tumas minn Aquino fil-kors tat-Teologija.  Bis-sahha tal-medjazzjoni tieghu sehhet il-paci u l-ghaqda bejn il-Knisja Griega u dik Latina.

Meta dahal seww fis-snin, huwa tilef il-memorja bhalma kienet habbritlu Marija. Fil-15 ta' Novembru 1280 huwa halla dan il-wied tas-smugh. Il-fdalijiet tieghu jinsabu fil-knisja parrokjali ta' Sant'Andrija ta' Kolon. Il-Papa Girgor XV ibbeatifikah fis-sena 1622 u fis-sena 1931 Piju X hatru qaddis u Duttur tal-Knisja. F'Dicembru 16 tas-sena 1941 Piju XII iddikjarah Patrun tax-Xjenzi Naturali.